MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 534/2008

**Panta Marketing & Services Limited**
**C-11233**

**Vs**

**Melitaunipol Insurance Brokers Limited [C-2280] u**
**Melita Group Holding Limited [C-42290]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta` Lulju, tas-sena 2008 fejn gie mitlub sabiex is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` €1,077.48c, rapprezentanti bilanc li kien ghadu dovut mill-istess socjetajiet jew min minnhom ghal biegh u installazzjoni ta` lift, liema lift kien gie mibjugh u nstallat mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta` l-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom u dana kif irrizulta minn statement of account anness ma` l-istess avviz u mmarkat Dok. PM1.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta` l-effettiv pagament.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjetajiet konvenuti fit-12 ta` Awissu, 2008 fejn it-talba attrici kienet qed tigi kkontestata ghal diversi fatturi fosthom is-segwenti:

1) li s-socjeta` Melita Unipol Brokers Limited kellha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici peress illi ma kellha x`taqsam xejn ma` l-korp tal-bini fejn gie installat il-lift stante li dan kien proprjeta` tas-socjeta` Melita Group Holding Limited;

2) illi fir-rigward illi l-Melita Group Holding Limited ma huw kontestat li dan l-ammont ma thallas u dan peress li l-bieb ma nghatax lil intimati;

3) kienet saret riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokument ezebit ma` l-istess avviz Dok. PM1.

Sema` x-xhieda ta` Charles Barbara prodott mis-socjeta` attrici.

Ra l-verbal tieghu ta` l-12 ta` Novembru, 2008 fejn il-kawza kienet thalliet ghal provi kollha tal-partijiet ghas-seduta ta` l-10 ta` Dicembru.

Ra l-verbal ta` l-10 ta` Dicembru, fejn gie notat illi l-kawza kienet thalliet ghal provi kollha tal-partijiet ghas-16 ta` Dicembru u fin-nuqqas li jingiebu provi l-kawza kienet se tithalla ghas-sentenza.

Ra l-verbal ta` llum stess fejn nonostante li l-partijiet u l-avukati difensuri taghhom issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux addirittura sa kwarta wara l-hin u ghalhekk it-Tribunal iddecieda illi jghaddiha ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti nkluz mir-risposta pprezentata mill-istess socjetajiet konvenuti ghandu jirrizulta li l-ammont

mitlub ta` €1,77.48c fil-fatt kien dovut u ma kienx qed jigi kkontestat u dana fir-rigward tas-socjeta` konvenuta Melita Group Holding Limited.

Irrizulta wkoll mill-istess xhieda ta` Charles Barbara u mill-kontro ezami li sarlu illi s-socjeta` konvenuta Melita Unipol Brokers Limited ma kellha x`taqsam xejn mal-kaz in ezami izda x-xoghol illi kien gie kkontrattat kien sar mill-Melita Group Holding.

Illi ghar-rigward it-tieni eccezzjoni pprezentata mis-socjeta` konvenuta dwar in-nuqqas o meno ta` bieb, dan ma giex ippruvat sodisfacentement mis-socjeta` konvenuta illi qieghedha tressaq tali allegazzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt illi jilqa` l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti u kwindi jillibera lis-socjeta` Melita Unipol Brokers Limited mill-osservanza tal-gudizzju u dana a spejjez tas-socjeta` attrici pero` fl-istess waqt qieghed jirrespingi t-tieni u t-tielet eccezzjoni mressqa mis-socjetajiet konvenuti, kwindi jilqa` t-talba attrici f`dan is-sens u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Melita Group Holding Limited sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,077.48c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza f`dan ir-rigward a karigu tas-socjeta` konvenuta Melita Group Holding Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------